**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 184/18 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Lulju tas-sena 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg titfal jisimhom s u j, li llum il-gurnata huma tnejn maggorenni (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok MM1);

Illi l-partijiet ilhom separati de facto mill-2010 u legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Reuben Debono sa mit-22 ta' Frar tas-sena 2018 (att ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala Dok MM2);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante minhabba ragunijiet gravi fost ragunijiet ohra sufficjenti fil-ligi minbarra l-fatt li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma jezistu l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet fid-dawl tal-fatti hawn esposti li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara li huwa minnu illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irremedjabilment u ma hemmx l-icken possibilita ta' rikonciljazzjoni u ghalhekk ma jsib ebda oggezzjoni illi it-talbiet attrici jintlaqghu sakemm huwa ma jkun involut f'ebda spejjez konnessi ma dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Lulju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Frar, 2018 u ilhom de facto separati mis-sena 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.